MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 619/2003

**Tal-Virtu Estates Liumited**

**vs**

**Jesmond u Colette konjugi Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu (Lm200.24) rapprezentanti prezz ta' sevizzi u prodotti forniti mis-socjeta' attrici ghat-tieg tal-konvenuti gewwa Villa Oriana fil-21 ta' Lulju 2002, lirma ammont baqa' ma thallasx mill-konvneuti.
Bl-ispejjes inkluiz dawk tal-ittri bonarji datati 23 ta' Settembru 2002, 28 ta' Ottubru 2002, u 13 ta' Frar 2003 u bl-interessi mit-23 ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
Illi skond il-librett tal-pubblicita' ta' Villa Oriana is-sala fejn kellha tinzamm il-funzjoni kellha tkun 'fully airconditioned'.

Illi wwaqt il-funzjoni li saret fil-21 ta' Lulju 2002 ma kienx heemm arja kundizzjonata fis-sala u bhala konsegwenza is-shana kienet insopportabbli
u dawk li attendew ghamlu kummenti negattivi.

Illi l-kundizzjoni li s-sala tkun 'airconditioned' kienet wahda mill-kundizzjonijiet li fuqhom kienu ftehmu l-partijiet.

Illi l-intimati nterpellaw lill-kredituri b'numru ta' ittri bonarji sabiex ikun hemm rifuzjoni tal-prezz minhabba din l-inadempjenza fil-kuntratt, li qatt ma giet kontradetta mill-kresituri.

It-talba attrici messha kienet cara ta' Lm200.24, kif tidher bhala cifra u mhux Lm224.00 kif tidher miktuba mhux b'cifri, u dan qed jinghad ghaliex id-domanda b'korrispondenza qabel ma giet prezentata l-kawza kienet ta' Lm200.24.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 2 ta' Ottubru 2002, 23 ta' Ottubru 2002, 4 ta' Novembru 2002, 19 ta' Dicembru 2002, 27 ta' Jannar 2003 u 14 ta' Marzu 2003.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn huma talbu li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallashom is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225.00) rapprezentanti danni kagunati bhala konsegwenza tal-inadempjenza tas-socjeta' attrici li tipporovdi sala 'fully aconditioned' kif miftiehem bejn il--partijiet.

Ra r-Risposta prezentata mis-socjeta' attrici ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn hija eccepiet li l-kontrotalba tal-konjugi Gauci hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta' Tal-Virtu Estates Limited onorat l-obbligi kollha taghha fil-konfront tal-konjugi Gauci.

Sema’ x-xhieda ta’ Mary Farrugia, Joyce Chircop, PC622 Emanuel Cutajar, Colette Gauci u ta’ Josette Muscat. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuti krew minghand il-konvenuti s-sala bl-isem ta’ Villa Oriana ghat-tieg taghhom li sar fil-21 ta’ Lulju 2002. Il-prezz tal-kiri tas-sala u tal-catering kien diga’ thallas qabel ir-riceviment u l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda l-prezz tas-soft drinks u s-servizz tas-sigurta’. Il-kontestazzjoni bejn il-partijet tirrigwarda l-impjant ta’ aircondirioning fis-sala. Il-konvenuti jsostnu li huma kienu nsistew mas-socjeta’ attrici li s-sala kellha kun ‘fully airconditioned’ peress li r-riceviment tat-tieg kien ser ikun fil-forma ta’ ikla u l-mistiednin keinu ser ikunu bil-qeghda u s-socjeta’ attrici kient obbligat ruhha li tipprovvdi sala airconditoned. Il-konvenuti jsostnu li waqt ir-riceviment kien hemm hafna shana, li l-airconditioning units ma kienux mixghuulin, li s-socjta’ attrici naqset mill-obbligi kontrattwali taghha u li huma bhala konsegwenza sofrew danni ammontanti ghal Lm225.00.

Illi jrid jinghad mill-ewwel li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw d-danni minnhom reklamati fis-sens li naqsu milli jispjegaw kif waslu ghall-ammont ta’ Lm225.00 u milli jressqu provi fir-igward.

Is-socjeta’ attrici min-naha l-ohra rnexxilha tipprova soddisfacentement li dakinhar tat-tieg  is-sala kienet fully airconditioned u li hija ghalhekk onorat l-obbligi kontrattwali taghha fil-konfronti tal-konvwenuti. Mid-dokumenti esebiti a fol. 17, a fol. 30 u a fol. 33 et seq. jirrizulta li l-airconditioning units fis-sala kienu jigu seviced b’mod regolari u li kienu adegwati ghas-sala in kwistjoni in kwantu jirrigwarda potenza anki jekk is-sala tkun mimlija hlief jekk il-bibien u t-twieqi jithallew miftuhin. Mill-provi rrizulta wkoll li l-airconditioning unitrs fil-fatt kienu kollha

mixghulin u li l-effett taghhom kien qed jintilef minhabba l-fatt li l-mistiednin kienu qeghdin jifthu l-bibien u t-twieqi. F'dan ir-rigward it-Tribunal strah fuq ix-xhieda ta' PC 622, Emanuel Cutajar peress li jirritjeni li huwa xhud indipendenti. Dan ix-xhud spjega li huwa kien prezenti sabiex jiehu hsieb tal-parkeggjar tal-vetturi tal-mistiednin u sabiex jara li tinzamm il-buon ordni. Dwar il-kwistjoni tal-aiconditioning huwa spjega li l-bestman kien mar jilmenta li l-airconditioning units ma kienux mixghulin u ghakhekk ***"jiena vverifikajt illi l-airconditioners kienu kollha mixghulin u jiena smajt lil wiehed mis-sideien tas-sala jghid lil bestman sabiex jinghalqu t-twieqi biex l-airconditioner ittella' t-temperatura li ghandha bzonn ittellaa, izda l-bestman baqa' jinisti li t-twieqi jibqghu miftuhin".***

Dan jindika li s-socjeta' attrici onorat l-obbligi kontrattwali minnha assunti fil-konfronti tal-konvenuti billi provdiet sala 'fully airconditioned' u kien biss l-agir tal-mistiednin li kienu qed jifthu t-twieqi u l-bibien li kkaguna malfunzjonament fl-impjant tal-airconditioning fis-sens li dan ma setghax jiffunzjona adegwatament bit-twieqi u l-bibien miftuhin. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti, billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm200.24) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-isp[ejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------